MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2009

Citazzjoni Numru. 29/2009

Joseph Muscat, f'ismu u bħala mandatarju
Ta' ħuh imsiefer Peter Paul Muscat;

Stella armla ta' Carmel Muscat,

Mary Rose mart Carmel Xuereb, u

Michelle mart Terry Debrincat.

vs

Dr. Joseph Grech fil-kwalita' tiegħu ta'
Kuratur Deputat sabiex jirrappreżenta lill-
Eredita' vakanti, u lill-eredi mhux magħrufa
Jew assenti ta' Josephine Muscat, armla
Ta' Carmelo Muscat, bint il-mejtin
Saviour Muscat u Giovanna nee' Camilleri.

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors ġuramentat ta' l-atturi li permezz tiegħu, wara li ppremettew illi:

1. Illi fuq rikors preċedenti tagħhom quddiem din l-Onorabbli Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja tagħha, Rikors Nru. 8/2008, kien inħatar kuratur sabiex jirrappreżenta lill-eredita' vakanti, u lill-eredi mhux magħrufa jew assenti ta' Josephine Muscat, armla ta' Carmelo Muscat bint il-mejtin Saviour Muscat u Giovanna nee' Camilleri, fuq kuntratt ta' bejgħ ta' porzjon art diviża msejħa 'Tal-Bajjad' fil-limiti ta' Qala, Għawdex, tal-kejl ta' madwar elf mitejn u sittax punt ħamsa metru kwadru (1216.5 m.k.) konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Salvu Vella, punent ma' beni ta' Toni Vella, nofsinhar ma' beni ta' Angelo Farrugia u lvant ma' passaġġ;

2. Illi dak il-kuntratt kien ġie effettivament pubblikat fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech fl-erbatax (14) ta' Frar elfejn u tmienja (2008), u mill-proventi ta' dak il-bejgħ l-ammont ta' tlett elef erba' mija u erbgħa u disgħin euro u sitt ċenteżmi (€ 3494,06) wara li inqatgħu l-ammont ta' mitejn u erbgħa u erbgħin euro u tmienja u ħamsin ċenteżmu (€ 244,58) taxxa finali fi proċeduri ad hoc illi l-esponenti ddikjaraw li ser jistitwixxu sabiex l-istess flus jiġu imbagħad jiġu rilaxxjati lilhom;

3. Illi mid-dokumenti esebiti mar-rikors fuq imsemmi u mill-premessi tal-istess rikors, kif ukoll minn provi oħra illi l-esponenti fi ħsiebhom iressqu fil-kors tas-smiegħ ta' din il-kawża, jirriżulta illi effettivament l-art mibjugħa bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Enzo Dimech fuq ċitat kienet minn dejjem meqjusa mill-esponenti bħala tagħhom u ta' ħadd aktar; illi huma kienu fil-pussess tagħha *animo domini,* pubblikament, paċifikament, ininterrottament, u għaż-zmien kollu rikjest mill-liġi għal dan l-iskop u għalhekk l-art de quo saret tagħhom bis-saħħa tal-preskrizzjoni akkwiżittiva triġenarja;

4. Illi inoltre ħadd mill-werrieta ta' din Josephine Muscat qatt ma irreklama xi drittijiet fuq il-wirt tagħha għal ferm aktar minn għaxar snin – preċiżament

mit-tmienja (8) ta’ Awissu elf disa’ mija u disgħa u sittin (1969) id-data tal-mewt tagħha, u għalhekk fit-termini tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili kull dritt ta’ dawn l-eredi mhux magħrufa u inċerti għal xi beni formanti parti minn dak il-wirt jinsab preskritt u l-esponenti kienu, sal-mument tal-bejgħ ta’ din l-art, proprjetarji uniċi u esklussivi ta’ din l-art;

5. Illi għaldaqstant il-proventi mill-bejgħ ta’ din l-art illum jappartjeni interament lill-esponenti.

Talbu lill-konvenut nomine jgħid għaliex m’għandiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-atturi kienu saru proprjetarji uniċi u esklussivi, bis-saħħa tal-preskrizzjoni akkwiżittiga triġenarja u wkoll bis-saħħa tal-preskrizzjoni fit-termini tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili, tal-porzjon art diviża msejħa ‘Tal-Bajjad’ fil-limiti ta’ Qala, Għawdex, tal-kejl ta’ madwar elf mitejn u sittax punt ħamsa metru kwadru (121605 m.k.) konfinanti mit-tramuntana ma’ beni ta’ Salvu Vella, punent ma’ beni ta’ Toni Vella, nofsinhar ma’ beni ta’ Angelo Farrugia u lvant ma’ passaġġ;

2. Konsegwntement tiddikjara illi r-rikavat mill-bejgħ ta’ din l-art illi fuq il-kuntratt tan-Nutar ġie ritenut mill-kuratur deputat sabiex jirrappreċenta l-interessi tal-eredita’ ġjaċenti, jew l-eredi mhux magħrufa jew assenti ta’ Josephine Muacat jappartjnei fl-intier tiegħu lill-atturi; u għalhekk tordna r-rilaxx ta’ dan ir-rikavat lill-istess atturi.

Bl-ispejjeż, u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa inti inġunt.

Rat ir-riferta pożittiva tal-konvenut nomine li, minkejja li ġie debitament notifikat b'dan ir-Rikors ġuramentat fit-28 ta' April 2009, baqa' kontumaċi.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Gunju 2009 li bih ordnat l-allegazzjoni ta' l-atti tal-kawża numru 5/2005 fl-ismijiet: "Joseph Muscat proprio et nomine et. vs Dr. Joseph Grech nomine", deċiża minn din il-Qorti wkoll fis-17 ta' Mejju 2006, u tar-Rikors fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex),

Ġurisdizzjoni Volontarja numru 140/2004 ta' Stella Muscat.

Rat il-verbal tagħha tas-17 ta' Gunju 2009 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda mismugħa u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qed jitolbu dikjarazzjoni minn din il-Qorti li huma saru proprjetarji uniċi u esklussivi bis-saħħa tal-preskrizzjoni ta' biċċa art msejjħa "tal-Bajjad", limiti tal-Qala, Għawdex, deskritta aħjar fir-Rikors ġuramentat tagħhom. Irriżulta illi din l-art kienet ġiet mibjugħa lil terzi b'kuntratt in atti Nutar Dottor Enzo Dimech ta' l-14 ta' Frar 2008.[1]

Ġara illi peress illi mir-riċerki li saru wara li ġie redatt il-konvenju relattiv, irriżulta illi din il-proprjeta' kienet tidher illi xi darba kienet tappartjeni għal xi sehem minnha lill-eredi ta' ċerta Josephine Muscat,[2] il-proposti vendituri ma riedux jixtru mingħand l-atturi bis-saħħa biss tal-preskrizzjoni li dawn kienu qed jivvantaw dwar dan is-sehem. Allura kien ġie nominat il-konvenut preżenti, wara proċeduri appositi li sar mill-atturi quddiem din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni volontarja tagħha, sabiex interament mingħajr preġudizzju għall-pretensjonijiet tagħhom f'dan ir-rigward, dan jidher fuq il-kuntratt ta' bejgħ relattiv u jirratifika l-istess bejgħ għal kwalunkwe interess li seta' kellhom l-eredi ta' l-imsemmija Josephine Muscat minn din il-proprjeta'. Bil-kawża preżenti tagħhom l-atturi issa jridu ili jiġu dikjarati li kienu uniċi proprjetarji tal-proprjeta' mibjugħa permezz tal-kuntratt indikat, u konsegwentement ir-rikavat li in segwitu għal dak il-kuntratt ġie mgħoddi lill-konvenut nomine, jiġi mogħti lilhom.

[1] Dok. A anness mac-citazzjoni a fol. 5 - 8 tal-process .
[2] ara arblu geneologiku esebit fl-atti tar-Rikors relattiv quddiem il-Qorti Volontarja .

F'din il-kawża xehed biss l-attur Joseph Muscat li kkonferma li l-art in kwistjoni dejjem jafħa għand il-familja tiegħu, u li l-kuġini msiefrin (presumibilment għall-eredi ta' Josephine Muscat) qatt ma rreklamaw ebda pretensjonijiet fuqha.[3] Ma tressqu ebda provi oħra f'din il-kawża, għajr dawk dokumentarji, u r-referenza għall-proċeduri preċedenti, li ġew allegati l-atti tagħhom, kif hawn fuq indikat.

Irriżulta mill-arblu ġeneoloġiku ppreparat min-nutar li għamlet ir-riċerki dwar il-provenjenza tal-proprjeta' in vendita, illi sehem ta' terz indiviż minn din il-proprjeta' kienet waqgħet f'idejn Josephine Muscat, bħala uniċi eredi ta' bintha li mietet qabilha Mary Muscat, li da parti tagħha kienet wirtet is-sehem oriġinarjament spettanti lill-missierha Carmel Muscat. Din Josephine Muscat mietet fit-8 ta' Awissu 1969, u wirtuha f'isħma differenti l-persuni rappreżentati f'dawn il-proċeduri mill-konvenut nomine. Madankollu peress illi ma jirriżultax illi dawn jew xi ħadd minnhom qatt ivvanta xi pretensjonijiet dwar din l-eredita' minn meta ssuċċediet il-mewt ta' l-imsemmija Josephine Muscat, jiġi illi illum, bid-dekors ta' iktar minn għaxar snin mill-mewt tad-decujus, kwalunkwe pretensjoni tagħhom f'dan ir-rigward tinsab preskritta a tenur ta' l-artikolu 845(i) tal-Kodiċi Ċivili, li jistipula illi:

"**L-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew leġittima, jew is-sehem tal-beni li l-liġi tagħti lit-tfal illegittimi jew lil żewġ jew mart il-mejjet, sew fis-suċċessjonijiet b'testment kemm ukoll f'dawk *ab intestato*, tispiċċa bl-għeluq ta' għaxar snin mill-ftuh tas-suċċessjoni.**"

Jidher għalhekk illi t-talbiet attriċi f'din il-kawża huma ġustifikati u jimmeritaw konferma.

Tiddeċidi l-kawża għalhekk billi tilqa' t-talbiet attriċi, u:

1. tiddikjara illi l-atturi kienu saru proprejtarji uniċi u esklussivi, bis-saħħa tal-preskrizzjoni fit-termini tal-artikolu 845 tal-Kodiċi Ċivili, ta' l-art msejjħa

[3] ara xhieda tiegħu a fol. 13 - 14 tal-process .

"Tal-Bajjad" limiti tal-Qala, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka elf mitejn u sittax punt ħamsa metri kwadri (1216.5m.k.) konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Salvu Vella, punent ma' beni ta' Toni Vella, nofsinhar ma' beni ta' Angelo Farrugia u lvant ma' passaġġ, u

2. konsegwentement tiddikjara illi r-rikavat mill-bejgħ ta' din l-art, illi fuq il-kuntratt tan-Nutar Enzo Dimech ta' l-14 ta' Frar 2008 fuq imsemmi, ġie ritenut mill-kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-interessi tal-eredita' ġjaċenti, jew l-eredi mhux magħrufa jew assenti ta' Josephine Muscat, jappartjeni fl-intier tiegħu lill-atturi, u għalhekk tordna r-rilaxx ta' dan ir-rikavat lill-istess atturi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------